## ATTIVITAJIET JANNAR 2024

**Il-5 ta' Jannar 2024-**Project House-20.00-Taħdita tradizzjonali tal-membri fil-bidu tas-sena. Din it-Taħdita se tkun immexxija mill-membri tal-kumitat.

**It-12 ta' Jannar 2024-**Project House-20.00– Flimkien ma' Victor naraw x'tip ta' persuni aħna.

**OPPORTUNIST, PESSIMIST, REALISTIKU JEW OTTIMIST.**

Mistoqsijiet u punti sabiex naraw kif aħna.

**Id-19 ta' Jannar 2024-**Project House-20.00-Taħdita mis-sur Lawrence Cachia rig-ward Saħħa u Sigurtà fid-dar. Ħafna jaħsbu li fid-dar ma tistax tweġġa. Naraw u nitgħallmu!

**Is-26 ta' Jannar 2024-**20.00-Birthday Celebrations ġewwa Eleven Eleven-Triq ir-Rebħa Gżira
**Menu-**
***Starters***-Cream of Mushroom soup or Garlic trio of Mushrooms or Farfalle al Sal-mone.

**Main-**Grilled Pork Chops or Stuffed Chicken Breast or Oven Baked Swordfish Steaks. Served with roasted potatoes and seasonal veg.

**Dessert**-Chef speciality. **Xorb mhux inkluż.**

Prezz 26€-Booking permezz ta' Revolut -Rita Attard on 79385677.

**Għidulna x'ser tieklu mal-booking.**




Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu

# Il-Mewt ma toqtolx l-imħabba għax meta l-imħabba tkun vera tkun għal dejjem

Victor Galea

Volum 26
Ħarġa 01
Jannar 2024

**Skont il-fehma tiegħi**, għad jasal dak il-mument meta nagħmlu l-kontijiet. Inħarsu lura lejn ħajjitna u naraw x'għamilna tajjeb jew anqas tajjeb. Għad jasal il-mument meta naraw min kienu dawk in-nies li ħabbejna u ħabbewna u dawk in-nies li f'ħajjitna kienu biss vjaġġaturi li vjaġġaw magħna fl-istess ħin b'kumbinazzjoni. Għixna biss fl-istess żmien u xejn aktar. Il-ħajja hekk hi. Hawn min jgħid li tieħu pjaċir meta ċerti nies jidħlu f'ħajtek imma tieħu pjaċir ukoll meta ċerti nies joħorġu minn ħajtek. Tidher drastika imma hija verità.

Nemmen li meta tfittex is-sapport, trid tiftaħ beraħ il-bibien ta' ħajtek. Inutli tfittex is-sapport u ma tgħinx ruħek. **Infakkar, il-grupp tagħna ma jagħtix kura.** Aħna nagħtu sapport biss bl-attivitajiet/laqgħat li norganizzaw. Aħna noffru pjattaforma fejn dak li jkun jagħmel ħbieb li jkunu għaddew mill-istess storja tiegħu. Għadni ma wasaltx fi stat li nibda nagħmel il-mirakli.  Fil-verità naħseb li sakemm indum ħaj dan il-mument mhu se jasal qatt. Jiena mill-grupp tagħna ġid biss rajt. Għamilt ħafna ħbieb ġodda. Sibt familja oħra. Qatt ma nixba nirringrazzja lil dawk ta' qabilna. Għamlu xogħol kbir, emormi. Sagrifiċċji kbar. Aħna qed inkomplu nibnu fuq it-tajjeb li għamlu huma.

Il-ħajja xi' kultatnt twebbes rasha magħna. Id-daqqiet jibqgħu ġejjin. Hawnhekk ippermettuli ftit nirringrazzja lil kull min kien ta' sapport fi' zmien iebes ħafna. Għalissa se nkun qed nistrieħ ftit, però l-grupp se jibqa għaddej. L-ewwel ħsieb li kelli kien li nirreżenja. Diġà kont infurmajt lil-kumitat, imma bħal-dejjem, ħadt ħafna pariri u biddilt il-fehma, almenu għalissa. Konvint li grupp bħal tagħna huwa speċjali, magħmul minn nies speċjali. Min qiegħed fil-volontarjat jagħti ftit u jirċievi ħafna. Il-grupp tagħna mal-milja tas-snin serva ta' ġid kbir għal ħafna romol li kienu jaħsbu li spiċċa kollox. Fil-grupp dejjem ġejjin romol ġodda. Kollha bl-istorja tagħhom. Kollha bil-karattru tagħhom. Fit-triq tal-ħajja tar-romol mhux kulħadd qiegħed fl-istess post. Hawn min mexa ħafna iżda hawn min għadu fil-bidu tat-triq.

*Ikompli f'paġna 2*

**Min mexa ħafna qatt m'għandu jinsa li xi darba anke hu kien fil-bidu tat-triq.** Dan ikun żball kbir. Dan ma jkunx sapport. Min mexa ħafna għandu jindika t-triq lil min għadu fil-bidu. Din il-biċċa hija problema kbira għax ma tistax torganizza attività li togħġob lil kulħadd. Impossibli. Kważi kważi, irridu nagħmlu attivitajiet li jkunu *tailor made* għal bżonnijiet ta' kull membru. Dan huwa diffiċli ferm. Ippermettuli għal darb'oħra nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat għax xogħol li jagħmlu mingħajr ebda nteress personali. Grazzi wkoll lil fr. Saviour għal-għajnuna kbira li jagħti lill-grupp.

L-unika nteress li għandna huwa dak li naraw lil membri jerġgħu isibu dik it-tbissima li tkun għebet minn fuq xuffjethom. Jien nixtieq li naħdem aktar fuq is-sapport personali. Fuq is-sapport soċjali hemm nies oħra fil-kumitat li qed jagħmlu xogħol enormi u jien kuntent ħafna bihom.

Irridu naraw kif ikollna kumitat aktar effiċjenti u effettiv. Nixtieq li bħala kumitat nirċievu taħriġ fuq kif nilqgħu membri ġodda u anke fuq amministrazzjoni u proċeduri. Però kollox bil-mod u bil-ħsieb. Jiena naħseb li fil-futur il-grupp se jkompli jikber. In-numru ta' membri għalija mhux importanti. Il-membri tagħna mhux numri. Huma nies li għandom bżonn is-sapport. Huma nies li l-quddiem ikunu huma li jagħtu s-sapport lil romol oħra. Għax meta tgħin lil-ħaddieħor mingħajr ma tkun taf tkun qiegħed tgħin lilek innifsek.

Qabel kont naħseb li maż-żmien kollox jiġi għan-normal. Kont żbaljat. Din hija ferita li tibqa' hemm. Imwaħħla ma' ħajjitna. Parti minn ħajjitna. Hawn minn ilu li romol żmien twil u għadu jemozzjona ruħu meta jitkellem fuq il-mara jew fuq ir-raġel. Din hija naturali. Kulħadd tad-demm u l-laħam.

Ejja nħarsu l-quddiem. Ejja nagħmlu kuraġġ lil xulxin. Ejja ngħinu lil xulxin. Ejja nisimgħu li xulxin mingħajr ma niġġudikaw. Ejja nifmhu darba għal dejjem li kulħadd għandu l-karattru tiegħu u li ħadd m'għandu jaħseb li kulħadd għandu jaqbel dejjem miegħu. Jiena l-ewwel wieħed nipprova li fil-karattru tiegħi fejn għandi ħażin, nirranġah. Deċiż.

VICTOR

**Jack the Ripper**

Fl-ewwel xhur ta' din is-sena se nkun qed nikteb fuq tlett qattiela serjali. Jack the ripper hu forsi l-aktar wieħed magħruf, għalhekk se nibda biħ. Il-qtil imwettaq minn Jack the Ripper seħħew fl'East End ta' Londra fl-1888 u għalkemm il-qattiel ta' Whitechapel kien biss theddida għal-sezzjoni żgħira ħafna tal-komunità f'parti relattivament żgħira ta' Londra, ir-reati kellhom impatt kbir fuq is-soċjetà.

Il-fatt li l-attenzjoni tal-istampa u tal-pubbliku inġenerali fit-toroq u n-nies ta' wieħed mill-ifqar u l-aktar kwartieri mifnija mill-kriminalità ta' Londra iffukat fuq dan il-qtil, Jack the Ripper, kien min kien, irnexxielu jesponi l-kundizzjonijiet degratanti ta' żmien l'erà Vittorjana u b'hekk, seta għen biex tinħoloq kuxjenza fost iċ-ċittadini l-aktar sinjuri ta' Londra dwar il-kundizzjonijiet soċjali tal-biża' li kienu tħallew jiżviluppaw. Il-kundizzjoinijiet xejn sbieħ, eżatt fuq l-għatba tal-Belt ta' Londra, l-iktar mis-sistema sinjura fid-dinja ta' dak iż-żmien.

**Imma min kien Jack the Ripper?**

Jack the Ripper kien qattiel serjali. Bejn Awwissu u Novembru 1888, huwa qatel mill-inqas ħames nisa li kienu kollha prostituti. Dawn id-delitti seħħew fid-distrett ta' Whitechapel jew qrib id-distrett ta' Whitechapel tal-East End ta' Londra. Jack the Ripper qatt ma ġie identifikat jew arrestat.

Jack the Ripper huwa famuż parzjalment minħabba li l-identità tiegħu mhix magħrufa. Għal bosta snin in-nies spekulaw dwar l-identità tiegħu. Suspettati komunement ikkwotati jinkludu Montague Druitt, avukat u għalliem b'interess fil-kirurġija, Michael Ostrog, kriminal u tabib Russu u Aaron Kosminski, immigrant Pollakk li għex f'Whitechapel.

Il-ħames vittmi ta' Jack the Ripper kienu Mary Ann Nichols (misjuba fil-31 ta' Awwissu, 1888), Annie Chapman (misjuba fit-8 ta' Settembru, 1888), Elizabeth Stride (misjuba fit-30 ta' Settembru, 1888), Catherine Eddowes (instabet fit-30 ta' Settembru, 1888), u Mary Jane Kelly (misjuba fid-9 ta' Novembru, 1888). Il-katavri kollha tagħhom kienu ġew immutilati.

Il-vittmi kollha ta' Jack the Ripper kienu prostituti, u kollha ħlief waħda nqatlu waqt li kienu qed ifittxu għal-klijenti fit-triq. F'kull każ il-gerżuma tal-vittma nqatgħet, u l-ġisem ġie mmutilat b'mod li jindika li l-qattiel kellu mill-inqas xi għarfien dwar l-anatomija umana. **Darb'oħra nikteb fuq il-Yorkshire Ripper.**